Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fis-6 ta' Lulju 2016[1]

**Kawża C-216/15**

**Betriebsrat der Ruhrlandklinik gGmbH**
**vs**
**Ruhrlandklinik gGmbH**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja)]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Politika soċjali — Xogħol temporanju permezz ta' aġenzija — Direttiva 2008/104/KE — Kamp ta' applikazzjoni — Artikolu 1(1) u (2) — Kunċett ta' ħaddiem — Kunċett ta' attività ekonomika — Membru ta' assoċjazzjoni bi skop mhux għall-profitt irremunerat minnha u mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' terza persuna biex jagħmel xogħol u suġġett għall-istruzzjonijiet ta' din tal-aħħar — Kumpens li jkopri l-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż amministrattivi mħallsin lill-assoċjazzjoni mit-terza persuna"

## I – **Introduzzjoni**

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja) tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tagħha, li jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-att.

2. Id-deċiżjoni tar-rinviju tidħol fil-kuntest ta' tilwima bejn impriża li topera klinika-sptar u korp li jirrappreżenta lill-persunal fi ħdan dik l-impriża, minħabba r-rifjut ta' din tal-aħħar li tippermetti li infermiera li hija membru ta' assoċjazzjoni bi skop mhux għall-profitt titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' dik il-klinika b'mod permanenti abbażi ta' ftehim li kien ġie konkluż bejn l-impriża u dik l-assoċjazzjoni.

3. Għalkemm saret domanda waħda biss lill-Qorti tal-Ġustizzja, mill-motivi tad-deċiżjoni tagħha jirriżulta li l-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi, essenzjalment, dwar is-sinjifikat u l-portata ta' żewġ kunċetti differenti. Fil-fatt hija tistaqsi, minn naħa, jekk il-membri ta' assoċjazzjoni li jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom taħt l-awtorità ta' terza persuna f'dak il-kuntest għandhomx jissejħu bħala "ħaddiema" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/104 anki jekk ma jissejħux hekk fid-dritt Ġermaniż, u, min-naħa l-oħra, jekk it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-membri tagħha mill-assoċjazzjoni bi ħlas ta' kumpens mit-terza persuna jikkostitwix "attivitajiet ekonomiċi" fis-sens tal-paragrafu 2 ta' dan l-istess artikolu.

1 — Ligwa oriġinali: il-Franċiż.
2 — ĠU 2008, L 327, p. 9.

## II – **Il-kuntest ġuridiku**

### A – *Id-dritt tal-Unjoni*

4. L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104, li jiddefinixxi l-kamp ta’ applikazzjoni tagħha jipprovdi:

“1. Din id-Direttiva tapplika għall-ħaddiema b’kuntratt ta’ impjieg jew relazzjoni ta’ impjieg ma’ aġenzija ta’ xogħol temporanju li huma assenjati għal impriżi utenti biex jaħdmu b’mod temporanju taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom.

2. Din id-Direttiva tapplika għal impriżi pubbliċi u privati li huma aġenziji ta’ xogħol temporanju jew impriżi utenti impenjati f’attivitajiet ekonomiċi kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le”.

5. Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/104, din għandha l-iskop “li tiżgura l-protezzjoni ta’ ħaddiema temporanji permezz ta’ aġenzija u li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol temporanju permezz ta’ aġenzija billi tiżgura li l-prinċipju ta’ trattament ugwali, kif imniżżel fl-Artikolu 5, ikun applikat għall-ħaddiema temporanji permezz ta’ aġenzija. u billi tirrikonoxxi lill-aġenziji ta’ xogħol temporanju bħala entitajiet li jħaddmu, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-użu tax-xogħol temporanju permezz ta’ aġenzija bil-ħsieb li jikkontribwixxi b’mod effettiv għall-ħolqien ta’ l-impjiegi u għall-iżvilupp ta’ forom flessibbli ta’ xogħol”.

6. L-Artikolu 3 tagħha, intitolat “Definizzjonijiet” huwa fformulat kif ġej:

“1. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva:

(a) ‘ħaddiem’: tfisser kwalunkwe persuna li, fl-Istat Membru kkonċernat, hija protetta bħala ħaddiem skond il-liġi nazzjonali ta’ l-impjieg;

(b) ‘aġenzija ta’ xogħol temporanju’ tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li, f’konformità mal-liġi nazzjonali, tikkonkludi kuntratti ta’ impjieg jew relazzjonijiet ta’ impjieg ma’ ħaddiema temporanji permezz ta’ aġenzija sabiex tassenjahom lil impriżi utenti biex jaħdmu hemm temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħhom;

c) ‘ħaddiem temporanju permezz ta’ aġenzija’ tfisser ħaddiem b’kuntratt ta’ impjieg jew li għandu relazzjoni ta’ impjieg ma’ aġenzija ta’ xogħol temporanju bil-ħsieb li jiġi assenjat għal ma’ impriża utenti biex jaħdem temporanjament taħt is-superviżjoni u d-direzzjoni tagħha;

[…]

2. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali fir-rigward tad-definizzjoni ta’ paga, kuntratt ta’ impjieg, relazzjoni ta’ impjieg, jew ħaddiem.

[…]”

B – *Id-dritt Ġermaniż*

7. Il-Betriebsverfassungsgesetz (Liġi dwar ir-relazzjonijiet soċjali fl-impriża, iktar 'il quddiem il-"BetrVG") fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tal-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali[3], tistabbilixxi fl-Artikolu 99 tagħha, bit-titolu "Tmexxija konġunta fil-każ ta' miżuri individwali li jirrigwardaw il-persunal":

"1. Fl-impriżi li għandhom normalment iżjed minn 20 impjegat li għandhom dritt għall-vot, il-persuna li timpjega għandha tinforma lill-kunsill tal-impriża qabel kull reklutaġġ [...], filwaqt li tibgħatlu d-dokumenti neċessarji, bl-effetti tal-miżura prevista u titlob il-kunsens tal-kunsill tal-impriża għad-deċiżjoni prevista. [...]

2. Il-kunsill tal-impriża jista' jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu jekk [...] il-miżura li tirrigwarda membru tal-persunal tista' [...] tikser xi liġi [...]"[4].

8. L-Arbeitnehmerüberlassungsgesetz (Liġi dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema b'xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, iktar 'il quddiem l-"AÜG"), kif emendata bil-liġi tat-28 ta' April 2011[5], tittrasponi fid-dritt intern id-Direttiva 2008/104. L-Artikolu 1(1) tagħha jgħid li "il-persuni li jimpjegaw li jixtiequ, bħala fornituri ta' xogħol, iqiegħdu fil-kuntest tal-attività ekonomika tagħhom, ħaddiema impjegati (ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija) għad-dispożizzjoni ta' terzi (impriżi utenti) għandu jkollhom awtorizzazzjoni" u li "t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema ma' impriża utenti għandu natura temporanja".

## III – **Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

9. Id-DRK-Schwesternschaft Essen eV [assoċjazzjoni ta' infermieri tas-Salib l-Aħmar Ġermaniż ta' Essen (il-Ġermanja), iktar 'il quddiem "l-assoċjazzjoni tal-infermieri"[6]] hija assoċjazzjoni rreġistrata għal skop mhux għall-profitt, li hija affiljata mal-Verband der Schwesternschaften vom Deutschen Roten Kreuz eV (federazzjoni tal-komunitajiet ta' infermiera tas-Salib l-Aħmar Ġermaniż)[7]. Hija detentriċi ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema.

10. Mill-2003, l-assoċjazzjoni ta' infermieri ma tikkonkludi l-ebda kuntratt tax-xogħol mal-infermieri u taċċettahom biss bħala membri fl-assoċjazzjoni. Skont ir-regoli ta' din l-assoċjazzjoni, il-membri tagħha, li għandhom ikunu awtorizzati li jeżerċitaw attività professjonali fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa, jeżerċitawha għal kollox jew fi ħdan l-assoċjazzjoni tal-infermieri, jew fi stabbilimenti tal-kura u s-saħħa fil-qafas ta' ftehim ta' tqegħid għad-dispożizzjoni[8]. Meta jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' terza persuna, il-membri tal-assoċjazzjoni tal-infermieri huma suġġetti għall-istruzzjonijiet tekniċi u organizzattivi ta' din tal-aħħar.

3 — Verżjoni tal-25 ta' Settembru 2001 (BGBl. 2001 I, p. 2518).

4 — Il-qorti tar-rinviju tippreċiża li, sont il-ġurisprudenza tagħha stess, il-kunċett ta' "reklutaġġ" fis-sens tal-ewwel paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu 99 ma jimponix il-ħolqien ta' relazzjoni tax-xogħol mal-impriża inkwistjoni u huwa biżżejjed li l-persuna kkonċernata teżerċita hemmhekk skont l-għan ta' dik l-impriża u li tkun suġġetta għall-istruzzjonijiet tagħha.

5 — Liġi li temenda li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2011 (BGBl. 2011 I, p. 642).

6 — Il-kelma "infermieri" għandha tinftiehem b'mod ġeneriku, bħala li tirreferi mhux biss għall-membri nisa iżda anki għall-membri rġiel ta' dik l-assoċjazzjoni.

7 — Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li jeżistu 33 assoċjazzjoni ta' infermieri tas-Salib l-Aħmar Ġermaniż, li huma mqassmin fit-territorju nazzjonali kollu u għandhom madwar 22 000 membru. Ir-Ruhrlandklinik gGmbH tindika li l-assoċjazzjoni ta' Essen għandha madwar 1 650 membru.

8 — Fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-Ruhrlandklinik issostni li dan l-aħħar każ huwa "bil-bosta l-iktar komuni" u li "ta' spiss l-infermieri tas-Salib l-Aħmar Ġermaniż jibqgħu għal ħafna snin fis-servizz tal-imsieħba kuntrattwali [fi ħdan assoċjazzjoni ta' dan it-tip]".

11. Bis-saħħa tar-regolament intern tagħha, l-assoċjazzjoni tal-infermieri tħallas lill-membri tagħha remunerazzjoni mensili kkalkolata skont il-parametri li huma f'użu fis-settur tal-attività kkonċernata, miżjuda bir-rimbors ta' ċerti spejjeż għall-ivvjaġġar u ta' ċaqliq ta' residenza. Barra minn hekk, dawk il-membri jibbenefikaw mid-dritt għal leave mħallas u pensjoni tal-irtirar addizzjonali li huma previsti mid-dispożizzjonijiet applikabbli f'dan is-settur, kif ukoll li jkomplu jiġu rremunerati u kkumpensati ulterjorment fil-każ ta' diżabbiltà fil-post tax-xogħol minħabba mard jew aċċident.

12. Ir-Ruhrlandklinik tmexxi klinika-sptar ġewwa Essen. Fl-2010, hija kkonkludiet ftehim ta' tqegħid għad-dispożizzjoni mal-assoċjazzjoni tal-infermieri, li permezz tiegħu dik l-assoċjazzjoni ntrabtet li tissekondalha persunal tal-kura li kienu membri tagħha. Skont dak il-ftehim, l-assoċjazzjoni tal-infermieri kienet tirċievi, bħala korrispettiv għal kull issekondar, kumpens li jkopri l-ispejjeż grossi tal-persunal inkluż kumpens b'rata fissa ta' 3 % għall-ispejjeż amministrattivi. Il-membri ta' dik l-assoċjazzjoni mqiegħda għad-dispożizzjoni tar-Ruhrlandklinik jirċievu l-istess remunerazzjoni bħall-ħaddiema impjegati direttament minn din tal-aħħar u huma suġġetti għal regoli u kundizzjonijiet tax-xogħol kważi identiċi.

13. K. hija membru fi ħdan l-assoċjazzjoni ta' infermieri. Hija kellha tkun issekondata fis-servizz tal-infermieri tar-Ruhrlandklinik mill-1 ta' Jannar 2012, fuq il-bażi tal-ftehim tat-tqegħid għad-dispożizzjoni konkluż bejn din tal-aħħar u l-assoċjazzjoni msemmija.

14. Permezz ta' ittra tat-2 ta' Diċembru 2011, il-Betriebsrat der Ruhrlandklinik [9] (il-kunsill tal-impriża tar-Ruhrlandklinik, iktar 'il quddiem il-"kunsill tal-impriża") irrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu għal din il-miżura, skont l-Artikolu 99(1) u (2) tal-BetrVG, għar-raġuni li l-issekondar ta' K. ma kienx ta' natura temporanja u għalhekk kien imur kontra l-Artikolu 1(1) tal-AÜG li jistabbilixxi li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija ma' impriża utenti għandu jkollu natura temporanja.

15. Ir-Ruhrlandklinik ikkunsidrat li dan ir-rifjut kien infondat billi l-Artikolu 1(1) tal-AÜG, liġi li ttrasponiet id-Direttiva 2008/104, ma japplikax għar-reklutaġġ ta' persuna li għandha l-istatus ta' membru ta' assoċjazzjoni u li ma tkunx ħaddiem impjegat. Għalhekk, hija ddeċidiet li tirrekluta lill-persuna interessata b'mod provviżorju u tressaq kawża sabiex tikseb deċiżjoni ġudizzjarja li tawtorizza r-reklutaġġ tagħha fuq bażi iktar fit-tul. Billi l-qrati inferjuri laqgħu din it-talba, il-kunsill tal-impriża ppreżenta appell quddiem il-Bundesarbeitsgericht (il-qorti federali tax-xogħol).

16. Din l-aħħar qorti tgħid li jekk l-elementi materjali meħtieġa mid-Direttiva 2008/104 kienu kkunsidrati bħala preżenti f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 1(1) tal-AÜG ikollu għalhekk jiġi interpretat, skont il-prinċipji ta' interpretazzjoni konformi mad-dritt tal-Unjoni, bħala li jfisser li l-użu ta' K. jirrappreżenta tqegħid għad-dispożizzjoni mhux temporanju ta' ħaddiem temporanju permezz ta' aġenzija, u għalhekk illegali fid-dritt nazzjonali.

17. Permezz ta' deċiżjoni tas-17 ta' Marzu 2015, li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Mejju 2015, il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, japplika fil-każ fejn membru ta' assoċjazzjoni jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża oħra sabiex jipprovdi prestazzjoni ta' xogħol, filwaqt li jkun suġġett għall-istruzzjonijiet tekniċi u organizzattivi ta' din tal-aħħar, jekk dan il-membru jkun intrabat, meta ssieħeb mal-assoċjazzjoni, li jqiegħed il-kapaċità ta' xogħol kollha tiegħu

9 — Fid-dritt Ġermaniż, il-"Betriebsrat" huwa korp ta' rappreżentanza tal-persunal ta' impriża li għandu prerogattivi minn sempliċi dritt ta' informazzjoni sa setgħa ta' koġestjoni fl-oqsma elenkati mil-liġi, setgħa li timplika li l-persuna li timpjega għandha tikseb il-qbil ta' dan il-korp qabel ma tieħu ċerti deċiżjonijiet, partikolarment miżuri individwali bħar-reklutaġġ ta' impjegati, skont l-Artikolu 99 tal-BetrVG.

għad-dispożizzjoni wkoll ta' terzi, li bħala korrispettiv għalih jirċievi mingħand l-assoċjazzjoni remunerazzjoni mensili kkalkolata skont il-kriterji abitwali għall-attività kkonċernata, u jekk l-assoċjazzjoni tirċievi, fir-rigward ta' dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni, kumpens għall-ispejjeż tal-persunal tal-membru inkwistjoni kif ukoll ammont b'rata fissa għall-ispejjeż amministrattivi?".

18. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-kunsill tal-impriża, mir-Ruhrlandklinik, mill-Gvern Ċek u mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-kunsill tal-impriża, ir-Ruhrlandklinik u l-Gvern Ġermaniż irrispondew bil-miktub għad-domandi li sarulhom mill-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Matul is-seduta li saret fl-20 ta' April 2016 kienu rrappreżentati l-kunsill tal-impriża, ir-Ruhrlandklinik u l-Kummissjoni.

## IV – **Analiżi**

### A – *Fuq il-kunċett ta' "ħaddiema" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/104*

#### 1. Fuq l-għan u l-kuntest tad-domanda magħmula

19. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar l-applikabbiltà eventwali tad-Direttiva 2008/104, dwar ix-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, f'każ bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali fejn wieħed mill-membri ta' assoċjazzjoni jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża utenti biex tipprovdi, filwaqt li tkun suġġetta għall-istruzzjonijiet ta' din tal-aħħar, servizz ta' xogħol li għalih tirċievi remunerazzjoni li titħallas lilu mill-assoċjazzjoni. Fi kliem ieħor, hija tixtieq tkun taf jekk, f'dawk iċ-ċirkustanzi, dak il-membru jistax jiġi deskritt bħala "ħaddiem" fis-sens ta' dik id-direttiva.

20. Insostenn tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol) tgħid li r-regola prevista mill-Artikolu 1(1) tal-AÜG, jiġifieri li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema hija pprojbita meta ma jkollux natura temporanja, tgħodd biss għall-"ħaddiema impjegati" ta' impriża li tipprovdi ħaddiema għal terza persuna.

21. Hija tgħid li dan il-kunċett ma huwiex iddefinit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, iżda li bis-saħħa tal-ġurisprudenza tagħha stess, huwa "ħaddiem" fid-dritt Ġermaniż "kull min huwa obbligat, fuq il-bażi ta' kuntratt fid-dritt privat, li jipprovdi lil persuna oħra servizz ta' xogħol iddeterminat minn ħaddieħor filwaqt li jkun suġġett għal struzzjonijiet, fil-qafas ta' rabta ta' subordinazzjoni personali" [10]. Dejjem skont il-ġurisprudenza tagħha, il-membri ta' assoċjazzjoni ta' infermieri, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma għandhomx il-kwalità ta' ħaddiem impjegat fir-rigward tad-dritt Ġermaniż, għar-raġuni li huma marbutin ma' din l-assoċjazzjoni mhux b'kuntratt tad-dritt privat iżda għar-raġuni tas-sħubija tagħhom fiha, u dan anki għalkemm jissodisfaw il-kriterji l-oħra msemmija iktar 'il fuq [11].

22. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, minkejja l-fatt li ma kellux il-kwalità ta' "ħaddiem" skont id-dritt nazzjonali applikabbli, membru ta' assoċjazzjoni bħal dik xorta jista' jitqies li għandu din il-kwalità bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, u iktar preċiżament fir-rigward tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/104.

10 — Il-Bundesarbeitsgericht tiċċita waħda mill-aħħar deċiżjonijiet tagħha f'dan is-sens, tas-17 ta' Settembru 2014 (10 AZB 43/14, punt 18).

11 — Il-Bundesarbeitsgericht tippreċiża li l-provvista ta' servizz ta' xogħol fil-qafas ta' rabta ta' subordinazzjoni personali jista' jkollha bħala bażi ġuridika l-pussess tal-istatus ta' membru ta' assoċjazzjoni, sakemm ir-regoli ta' protezzjoni imperattivi tad-dritt tax-xogħol ma jiġux elużi, elużjoni li hija eskluża fil-każ ta' assoċjazzjoni ta' infermieri, skont waħda mid-deċiżjonijiet tagħha tas-6 ta' Lulju 1995 (5 AZB 9/93).

23. F'dan r-rigward ir-Ruhrlandklinik tikkunsidra, minn naħa, li d-Direttiva 2008/104 ma tapplikax għall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija meta ma humiex ħaddiema fir-rigward tad-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, li l-membri tas-Salib l-Aħmar Ġermaniż ma humiex ikkonċernati mill-protezzjoni mogħtija minn din id-direttiva. Għall-kuntrarju, skont il-kunsill tal-impriża, il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni, il-membri ta' assoċjazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 u għandhom jiġu kkunsidrati bħala "ħaddiema" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tagħha [12]. Jiena ukoll ta' din l-aħħar fehma għar-raġunijiet li ġejjin.

2. Fuq l-interpretazzjoni sostnuta

24. Qabel kollox, nenfasizza li kemm il-kliem tal-Artikolu 1(1) kif ukoll tal-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 2008/104 jidher li jiġġustifika l-adozzjoni ta' kunċett flessibbli, anki wiesa', tal-kunċett ta' "ħaddiem" sabiex jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva. Fil-fatt, fiha hemm espressament previst li r-rabta li tgħaqqad aġenzija ta' xogħol temporanju mal-ħaddiem li hija tirrekluta sabiex tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' terza persuna [13] jista' jkollha bħala bażi ġuridika "kuntratt ta' impjieg jew relazzjoni ta' impjieg", alternattiva li tidher ukoll fid-dispożizzjonijiet l-oħrajn ta' dik id-direttiva [14] kif ukoll f'direttivi oħrajn li jirrigwardaw il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema [15].

25. Infakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni ċertament ma huwiex univoku [16] iżda bħala prinċipju, għandu jiġi ddefinit skont kriterji oġġettivi li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni tax-xogħol, inkunsiderazzjoni tad-drittijiet u tad-dmirijiet tal-persuni kkonċernati, sabiex tiġi żgurata protezzjoni ekwivalenti tal-ħaddiema fid-diversi Stati Membri. Ġie ripetutament deċiż li l-"l-karatteristiċi essenzjali ta' din ir-relazzjoni hija l-fatt li persuna twettaq, matul perijodu ta' żmien, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li b'korrispettiv tagħhom hija tirċievi remunerazzjoni" [17].

26. Kif tenfasizza l-Kummissjoni, din id-deskrizzjoni hija ġeneralment akkwistata fid-dritt tal-Unjoni jekk ikunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, indipendentement mill-fatt jekk kuntratt tax-xogħol kienx ġie konkluż jew le mill-persuna kkonċernata u indipendentement mill-konsegwenzi li jirriżultaw fir-rigward tad-dritt nazzjonali [18]. Issa, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher li tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet kollha, billi l-membri tal-assoċjazzjoni tal-infermieri jeżerċitaw l-attività professjonali tagħhom favur u taħt id-direzzjoni ta' stabbilimenti tal-kura jew tas-saħħa fejn huma jkunu perjodikament imqiegħda għad-dispożizzjoni minn din l-assoċjazzjoni, li tħallashom remunerazzjoni bħala korrispettiv.

12 — Fir-risposti tiegħu bil-miktub għad-domandi magħmulin mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Ġermaniż ma tkellimx direttament fuq il-mertu tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

13 — F'dan ir-rigward, infakkar li r-relazzjonijiet ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija għandhom bħala partikolarità li huma trijangulari, billi jeżistu rabtiet ta' natura differenti, minn naħa, bejn ħaddiem u l-aġenzija ta' xogħol temporanju li timpjegah, min-naħa l-oħra, bejn din l-aġenzija u l-impriża utenti u, fl-aħħar nett, bejn din tal-aħħar u l-ħaddiem li jaħdem taħt id-direzzjoni tagħha. Ara b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 1970, Manpower (35/70, EU:C:1970:120, punti 5 u 6).

14 — Ara l-Artikolu 1(3); l-Artikolu 3(1)(b) u t-tieni inċiż tal-paragrafu 2, kif ukoll l-ewwel inċiż tal-Artikolu 6(2), u l-paragrafu 3.

15 — Ara, b'mod partikolari, il-klawżoli 2 u 3 tal-ftehim qafas anness mad-Direttiva tal-Kunsill 97/81/KE, tal-15 ta' Diċembru 1997, li tikkonċerna l-Ftehim Qafas dwar ix-xogħol part-time konkluż mill-UNICE, miċ-CEEP u mill-ETUC (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 267), kif ukoll il-klawżoli 1, 2, 3 u 5 tal-ftehim qafas anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

16 — B'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 30).

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Frar 2014, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-596/12, EU:C:2014:77, punti 16 u 17), kif ukoll tal-4 ta' Diċembru 2014, FNV Kunsten Informatie en Media (C-413/13, EU:C:2014:2411, punt 34).

18 — Ara s-sentenza tal-11 ta' Novembru 2010, Danosa (C-232/09, EU:C:2010:674, punt 40 u 42 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

27. Għalhekk, fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, u kuntrarjament għal dak li jgħodd fid-dritt Ġermaniż, jidher li huwa irrilevanti, sabiex dik id-direttiva tkun applikabbli, jekk kuntratt ikunx ġie konkluż jew le għall-partijiet ikkonċernati [19]. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju tinnota ġustament li, fid-dawl tal-kliem tad-dispożizzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq tad-Direttiva 2008/104, jidher li "n-natura ġuridika tar-relazzjoni ta' dritt li teżisti bejn l-impriża fornitriċi u l-persuna li titqiegħed għad-dispożizzjoni biex tipprovdi xogħol, hija mingħajr importanza".

28. Madankollu, jista' jibqa' dubju f'dan il-każ għaliex, biex tiġi ddefinita l-kwalità ta' "ħaddiem" fis-sens tad-Direttiva 2008/104, l-Artikolu 3 tagħha jagħmel riferiment darbtejn għad-dritt tal-Istati Membri. Fil-fatt, il-paragrafu 1(a) ta' dak l-artikolu jgħid li jikkostitwixxi "'ħaddiem' [...] kwalunkwe persuna li, fl-Istat Membru kkonċernat, hija *protetta* bħala ħaddiem *skond il-liġi nazzjonali ta' l-impjieg*" [20], filwaqt li l-ewwel inċiż tal-paragrafu 2 tiegħu jippreċiża li dik id-direttiva hija "*mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali* fir-rigward tad-definizzjoni ta' [...] ħaddiem" [21]. Il-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol) tikkunsidra li "bis-saħħa tar-riferiment għad-dritt nazzjonali li qed isir, ma hemmx lok li wieħed joqgħod fuq id-definizzjoni ta' ħaddiem li jagħti d-dritt tal-Unjoni peress li hemm interpretazzjoni tad-dritt intern".

29. Fil-fehma tiegħi, il-fatt li dawk id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Artikolu 3 jippreżervaw il-kunċett li għandhom l-Istati Membri ta' "ħaddiema" li għandhom ikunu protetti fil-qafas tal-leġiżlazzjoni interna tagħhom, punt ta' dritt li d-Direttiva 2008/104 ma għandhiex bħala għan li tarmonizza kif jindika l-paragrafu 2 ta' dak l-artikolu, ma jistax jinftiehem bħala li l-leġiżlatura tal-UE qed tiddeċiedi li ma teżerċitax is-setgħa tagħha stess li tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dik id-direttiva.

30. Fil-fatt, kieku l-limiti ta' dak il-kamp ta' applikazzjoni setgħu jvarjaw skont l-approċċi differenti li hemm fil-livell nazzjonali, dan iwassal għal sors qawwi ta' inċertezza legali, anki meta jiġi osservat li l-preambolu ta' din id-direttiva jenfasizza li hemm "differenzi kunsiderevoli fl-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija u fis-sitwazzjoni legali, l-istatus u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija fl-Unjoni Ewropea" [22].

31. Jiena nikkunsidra li, mhux talli ma jiddelegax lill-awtoritajiet tal-Istati Membri s-setgħa li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104, iżda l-Artikolu 3(1)(a) tagħha flimkien mal-paragrafu (c) jiddefinih huwa stess billi jgħid li l-kunċett ta' "ħaddiem" fis-sens ta' dak l-att tad-dritt tal-UE jinkludi fih kull persuna li tagħmel xogħol u li minħabba dan hija protetta mill-Istat Membru fejn hija teżerċita l-attività tagħha, tkun xi tkun in-natura u l-forma tar-relazzjoni li torbothom mal-aġenzija ta' xogħol temporanju.

19 — Ir-rapport tal-grupp ta' esperti dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2008/104 ta' Awwissu 2011 u elaborat taħt it-tmexxija tal-Kummissjoni (iktar 'il quddiem ir-"rapport tal-2011") jindika li "l-espressjoni 'relazzjoni tax-xogħol' hija intiża biex tinkludi s-sitwazzjonijiet fejn il-karatteristiċi li jirrigwardaw relazzjoni tax-xogħol ikunu preżenti iżda fejn il-kuntratt tax-xogħol uffiċjali ma jkunx ġie konkluż" (p. 14).

20 — L-enfasi hija tiegħi. Ninnota li l-Artikolu 2(1)(d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98), fiha formula identika, li ttenni essenzjalment dik li tidher fil-punt 28 tas-sentenza tal-11 ta' Lulju 1985, Foreningen af Arbejdsledere i Danmark (105/84, EU:C:1985:331), li kienet tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-att li dik id-direttiva ssostitwiet.

21 — L-enfasi hija tiegħi. Nosserva li bħall-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2001/23, li ġiet adottata qrib dik l-istess data, l-Artikolu 3(2) tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni, tal-20 ta' Marzu 2001, li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2008/104 [COM (2002) 149 final] kien jirreferi għad-dritt nazzjonali biss għad-definizzjoni "tal-kuntratt jew tar-relazzjoni tax-xogħol". Il-Parlament Ewropew xtaq jinkludi f'din l-aħħar dispożizzjoni l-kunċett ta' "remunerazzjoni" (pożizzjoni adottata fl-ewwel qari fil-21 ta' Novembru 2002, ĠU 2004, C 25 E, p. 368). Il-pożizzjoni emendata tal-Kummissjoni, tat-28 ta' Novembru 2002, żiedet ukoll il-kunċett ta' "ħaddiem", mingħajr spjegazzjonijiet fuq dan is-suġġett [COM (2002) 701 finali].

22 — Premessa 10 tad-Direttiva 2008/104. Ara wkoll id-differenzi li jeżistu bejn l-"oqsfa leġiżlattivi nazzjonali" deskritti fl-espożizzjonijiet tar-raġunijiet tal-proposta inizjali tal-Kummissjoni [COM (2002) 149 finali, taqsima 2, paragrafu 2].

32. Peress li dan l-artikolu ma jagħmilx sempliċi riferiment għad-dritt tal-Istati Membri, fil-fehma tiegħi, jiġri li jekk il-kunċett iktar restrittiv ta' "ħaddiem" li hemm fil-livell nazzjonali jkun f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-direttiva, dawk l-aħħar dispożizzjonijiet għandhom jieħdu preċedenza. F'dan il-każ, il-fatt li fir-rigward tad-dritt Ġermaniż, individwu ma jkollux il-kwalità ta' "ħaddiem" ħlief jekk ikun ikkonkluda kuntratt tad-dritt privat, ma għandux bħala konsegwenza li jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104, billi kliemha jpoġġi taħt is-sistema protettriċi tagħha, irrispettivament, lill-persuni li huma marbutin b'kuntratt tax-xogħol u dawk marbutin b'relazzjoni tax-xogħol.

33. Dik il-pożizzjoni hija appoġġata mill-fatt li, kif tgħid b'mod partikolari l-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li meta jingħata marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri sabiex jiddefinixxu l-kunċetti użati f'tali direttiva f'materja soċjali, il-fakoltà tagħhom ma hijiex illimitata. Jidhirli li din il-ġurisprudenza, li tirrigwarda direttivi oħrajn li stabbilixxew regoli minimi fid-dritt tax-xogħol [23] – u partikolarment stabbiliet prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn il-ħaddiema – l-istess bħad-Direttiva 2008/104 [24], titfa' dawl utli fil-kawża ineżami [25].

34. Jirriżulta minn dan li għalkemm ċerti termini użati fid-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jistgħu jiġu ddefiniti fir-rigward tal-leġiżlazzjoni u/jew prattiki fis-seħħ fl-Istati Membri [26], dawn tal-aħħar jibqgħu, madankollu, obbligati li jaraw li, minn naħa, jissalvagwardjaw l-għanijiet tal-att inkwistjoni [27] u, min-naħa l-oħra, li jiġu rrispettati l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni [28]. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru ma jistax iwarrab fid-diskrezzjoni tiegħu ċerti kategoriji ta' persuni mill-benefiċċju tal-protezzjoni li jrid l-att inkwistjoni, għaliex inkella l-effettività tal-att tiġi ppreġudikata u jinkiser il-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza fit-trattament li hemm sanċit fih, billi dawk huma regoli tad-dritt tal-Unjoni li għandhom importanza partikolari li kull ħaddiem għandu jibbenefika minnhom. Esklużjoni bħal dik ma tistax tiġi ammessa ħlief jekk trattament differenti ta' dawk il-kategoriji jkun iġġustifikat għal raġunijiet oġġettivi, u b'mod partikolari min-natura speċifika tar-relazzjoni tax-xogħol sottostanti [29].

23 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 29), dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 1999/70, kif ukoll tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punt 34), dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 97/81.

24 — L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104 jistabbilixxi l-"prinċipju ta' trattament ugwali", li jgħid li, sakemm idumu jaħdmu f'impriża utenti, il-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija għandhom jibbenefikaw minn kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' impjieg tal-inqas ugwali għal dawk li japplikaw kieku ġew irreklutati direttament minn dik l-impriża biex jokkupaw l-istess post.

25 — Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-pożizzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kuntest li għandu ħafna xebh, partikolarment strutturali, tista' tapplika fil-każ ineżami. Fuq il-punti komuni li jeżistu bejn id-Direttivi 1999/70, 97/81 u 2008/104, ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża AKT (C-533/13, EU:C:2014:2392, punt 33).

26 — Dan huwa l-każ meta l-att tad-dritt tal-Unjoni kkonċernat ma għandux bħala għan it-twettiq ta' armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli nazzjonali applikabbli fil-qasam li jkopri, kif inhu l-każ tad-Direttiva 2008/104 (ara l-premessa 23 u l-Artikolu 9).

27 — Għalhekk, il-premessi 17 u 16, rispettivament, tad-direttivi 1999/70 u 97/81 jgħidu b'mod ċar li "*fejn għandhom x'jaqsmu t-termini użati fil-ftehim qafas imma mhux speċifikament definiti hemmhekk, din id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri biex jiddefinixxu dawn it-termini* f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali kif inhu l-każ għal Direttivi oħrajn dwar kwistjonijiet soċjali li jużaw termini simili, *sakemm id-definizzjonijiet inkwistjoni jirrispettaw il-kontenut tal-ftehim qafas*" (l-enfasi hija tiegħi).

28 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punti 31 sa 35 u l-ġurisprudenza ċċitata), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:3, punti 12 sa 15) u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża O'Brien (C-393/10, EU:C:2011:746, punti 34 sa 37).

29 — Ara s-sentenzi tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punti 26 sa 29); tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punti 36 sa 42), kif ukoll tat-3 ta' Lulju 2014, Fiamingo *et* (C-362/13, C-363/13 u C-407/13, EU:C:2014:2044, punt 31).

35. Fil-każ ineżami, jiena nikkunsidra, b'analoġija, li Stat Membru ma għandux japplika leġiżlazzjoni interna b'mod li dan ikollu l-konsegwenza li jpoġġi fil-perikolu t-twettiq ta' għanijiet stabbiliti mid-Direttiva 2008/104[30] u, għaldaqstant, li din tiċċaħħad mill-effettività tagħha. B'mod iktar partikolari, id-definizzjoni tal-kunċett ta' "ħaddiem" li hemm fid-dritt nazzjonali ma twassalx li jitwarrbu mingħajr raġuni oġġettiva ċerti kategoriji ta' professjonisti minn din il-kwalifika, u b'hekk mill-benefiċċju tal-protezzjoni riżultanti li tagħti d-direttiva.

36. Sabiex l-esklużjoni inkwistjoni hawnhekk ma tkunx eventwalment ta' natura arbitrarja, skont il-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, għandu jiġi stabbilit jekk u sa fejn ir-relazzjoni li torbot l-assoċjazzjoni tal-infermieri mal-membri tagħha hija, min-natura tagħha, "sostanzjalment differenti minn dik li torbot mal-persuni li jimpjegawhom, l-impjegati li skont id-dritt nazzjonali jaqgħu taħt il-kategorija tal-ħaddiema", u hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina dan[31]. Madankollu, jistgħu jingħataw indikazzjonijiet utli mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiċċara lil dik il-qorti l-elementi li hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha.

37. Jiena nenfasizza li d-deċiżjoni tar-rinviju tindika hija stess, ġustament, li l-membri tal-assoċjazzjonijiet tal-infermieri huma obbligati bl-istess mod bħall-ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, minħabba r-relazzjonijiet ġuridiċi li jkunu daħlu fihom mal-entità li tpoġġihom għad-dispożizzjoni ta' terzi persuni, li jipprovdu xogħol dipendenti, bi ħlas ta' remunerazzjoni, u li dawn iż-żewġ kategoriji ta' persunal huma suġġetti wkoll għall-istruzzjonijiet tal-impriżi utenti. Hija żżid tgħid, ġustament ukoll fil-fehma tiegħi, għal dak li jirrigwarda din id-darba l-persuni li jimpjegaw, li ma teżistix differenza bejn l-attività tal-persuni li jaġixxu, minn naħa, kemm bħala aġenziji ta' xogħol temporanju kif ukoll, min-naħa l-oħra, bħala fornituri ta' ħaddiema. Għalhekk jiena nikkunsidra, bħall-kunsill tal-impriża, il-Gvern Ċek u l-Kummissjoni li, billi r-relazzjoni tax-xogħol li tgħaqqad l-assoċjazzjoni kkonċernata mal-membri tagħha ma hijiex, min-natura tagħha, fundamentalment differenti minn dik ta' ħaddiema li jkunu protetti bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, l-esklużjoni tal-benefiċċju tal-protezzjoni ggarantita mid-Direttiva 2008/104 ma tidhirx li hija ġġustifikata f'dan il-każ.

38. Kif ġie rrilevat diġà fil-kuntest tal-kawżi preċedenti, jiena tal-fehma li l-*forma* tar-relazzjoni ġuridika sottostanti għall-impjieg inkwistjoni ma tistax tikkaratteriza fiha nnifisha d-differenza oġġettiva ta' sitwazzjonijiet li hija meħtieġa biex tiġġustifika varjazzjoni fit-trattament fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq[32], differenza li għandha fil-fehma tiegħi tistrieħ fuq kunsiderazzjonijiet *essenzjali* u mhux formalistiċi[33]. Fil-każ ineżami, l-esklużjoni ta' kategorija ta' persuni mid-deskrizzjoni ta' "ħaddiema" u b'hekk mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 ma għandhiex fil-fehma tiegħi tkun ibbażata, għaliex inkella tippreġudika l-effettività tagħha, fuq il-motiv biss, li jinsab fid-dritt Ġermaniż, li l-persuni kkonċernati ma kkonkludewx kuntratt fid-dritt privat[34].

30 — Ara, b'mod partikolari, il-premessi 1, 11 u 12 kif ukoll l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2008/104, li skont dan għandha bħala għanijiet prinċipali, min-naħa, "li tiżgura l-protezzjoni ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija u li ttejjeb il-kwalità tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija billi tiżgura li l-prinċipju ta' trattament ugwali [...] ikun applikat għall-ħaddiema temporanji [...]" u, min-naħa l-oħra "jittieħed kont tal-ħtieġa li jiġi stabbilit qafas xieraq għall-użu tax-xogħol temporanju permezz ta' aġenzija bil-ħsieb li jikkontribwixxi b'mod effettiv għall-ħolqien ta' l-impjiegi u għall-iżvilupp ta' forom flessibbli ta' xogħol".

31 — Ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien (C-393/10, EU:C:2012:110, punti 42 *et seq*), kif ukoll il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża O'Brien (C-393/10, EU:C:2011:746, punti 43 *et seq*).

32 — Nota ta' qiegħ il-paġna 29 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

33 — Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fil-kawża Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:3, punt 15) u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża O'Brien (C-393/10, EU:C:2011:746, punti 44 *et seq*). Il-Qorti tal-Ġustizzja insistiet ukoll fuq il-ħtieġa, għall-ġustifikazzjoni ta' trattament differenti, li n-natura tar-relazzjoni tax-xogħol inkwistjoni tkun "sostanzjalment differenti" (ara s-sentenza tal-1 ta' Marzu 2012, O'Brien, C-393/10, EU:C:2012:110, punti 42 sa 44).

34 — F'dan is-sens, ara Laulom, S., "La directive 2008/104: avancées et limites de la protection des travailleurs intérimaires", *Revue de droit du travail*, 2012, p. 308 *et seq*, li jikkunsidra li "wieħed jista' jaħseb li mhux biżżejjed li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tgħid li ma hemmx kuntratt tax-xogħol, sabiex l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-protezzjoni ma tiġix ivverifikata", kif ukoll Moizard, N., "Les intérimaires dans l'Union européenne: les données du débat", *Revue de droit du travail*, 2012, p. 240 *et seq*, li, wara li rrefera għas-sentenza tat-18 ta' Jannar 2007, Confédération générale du travail *et* (C-385/05, EU:C:2007:37, punt 35), ikkunsidra li "[f]id-Direttiva 2008/104 dan mhux sempliċi riferiment għad-drittijiet nazzjonali" u li "l-Qorti tal-Ġustizzja għad għandha l-mezzi biex tistħarreġ l-evitar li jsir mill-Istati".

39. Għall-kuntrarju, ir-Ruhrlandklinik issostni li fil-każ li d-Direttiva 2008/104 tiġi ddikjarata inapplikabbli għall-membri ta' assoċjazzjoni bħal assoċjazzjoni ta' infermieri, minħabba d-definizzjoni ta' "ħaddiem" li adotta d-dritt Ġermaniż, ma jirriżultax minn dan li l-għanijiet ta' dik id-direttiva jiġu evitati, għar-raġuni li l-protezzjoni tal-professjonisti kkonċernati hawnhekk ma tiġix mnaqqsa. F'dan is-sens hija ssostni li dawk il-membri jibbenefikaw *fil-prattika* mill-kundizzjonijiet tax-xogħol u tar-remunerazzjoni mhux inqas favorevoli, iżda għall-kuntrarju iktar vantaġġużi, minn dawk mogħtija lil persuni kkwalifikati bħala "ħaddiema" fid-dritt Ġermaniż, u partikolarment għall-ħaddiema tal-klinika tagħha li hija rreklutat direttament.

40. Madankollu, inqis li dan l-argument konġetturali ma huwiex konvinċenti għall-interpretazzjoni tad-Direttiva 2008/104, li għandu jkollha portata ġenerali. Anki jekk wieħed jippreżumi li seħħet ugwaljanza fit-trattament f'dan il-każ, din, madankollu, ma tkunx iggarantita b'mod sistematiku u fit-tul għal kull ħaddiem, kif kieku tippermetti dikjarazzjoni ta' applikabbiltà ta' din id-direttiva għal dawn is-sitwazzjonijiet. Issa, is-sempliċi fatt li, fiċ-ċirkustanzi kollha, wieħed ikun jista' jkun kopert b'regoli ta' protezzjoni ta' dik in-natura huwa fih innifsu prerogattiva ta' importanza kunsiderevoli [35]. Barra minn hekk, wieħed ma għandux jonqos milli jieħu inkunsiderazzjoni wkoll it-tieni aspett, ta' natura ekonomika, tal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 2 ta' dik id-direttiva [36], minn fejn jirriżulta fil-fehma tiegħi, b'mod partikolari, li l-entitajiet kollha li jeżerċitaw din it-tip ta' attività għandhom jibbenefikaw minn sitwazzjoni kompetittiva ekwivalenti [37].

41. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, inqis li, f'kuntest bħal dak fil-kawża prinċipali, il-membri ta' assoċjazzjoni għandhom jikkwalifikaw bħala "ħaddiema" fis-sens tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/104, meta jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' impriża sabiex jipprovdu servizz ta' xogħol, taħt il-kontroll u d-direzzjoni ta' din l-impriża, b'korrispettiv ta' remunerazzjoni li titħalsilhom mill-assoċjazzjoni. Dawk il-membri ma jistgħux jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* ta' dik id-direttiva minħabba s-sempliċi fatt li, billi ma kkonkludewx kuntratt tax-xogħol mal-assoċjazzjoni, huma ma għandhomx il-kwalità ta' "ħaddiem" taħt id-dritt nazzjonali.

## B – *Fuq il-kunċett ta' "impriżi [...] impenjati f'attivitajiet ekonomiċi" fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104*

42. Skont it-tieni parti tad-domanda preliminari tagħha u tal-motivazzjoni tagħha, il-qorti tar-rinviju tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi fuq il-punt jekk il-fatt li l-assoċjazzjoni ta' infermieri tqiegħed lill-membri tagħha għad-dispożizzjoni tal-impriżi utenti, bir-rimbors tal-ispejjeż grossi ta' persunal flimkien mal-ħlas ta' kumpens b'rata fissa għall-ispejjeż amministrattivi, jistax jikkostitwixxi "attivitajiet ekonomiċi" fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104.

43. F'dan ir-rigward, hija tindika li mit-test tal-imsemmi paragrafu 2 jirriżulta li n-nuqqas ta' għan ta' profitt mill-impriżi li jipprovdu ħaddiema ma jeskludix l-eżerċizzju ta' attività ekonomika, li jista' jfisser li d-Direttiva 2008/104 tista' tapplika anki jekk it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal isir minn entitajiet ta' benefiċċju pubbliku.

44. Ir-Ruhrlandklinik tikkunsidra li attività bħal dik tal-assoċjazzjoni tal-infermieri ma tirrigwardax il-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-direttiva, filwaqt li l-kunsill tal-impriża u l-Kummissjoni jiddefendu l-pożizzjoni kuntrarja [38]. Jiena naqbel ma' din l-aħħar fehma, għar-raġunijiet li ġejjin.

35 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 27).

36 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 30 ta' dawn il-Konklużjonijiet. Fuq iż-żewġ oġġettivi prinċipali fid-Direttiva 2008/104 – jiġifieri l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persuni kkwalifikati bħala ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija, minn naħa, u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-użu ta' xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, min-naħa l-oħra – kif ukoll in-natura kumplimentari tagħhom, ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar fil-kawża AKT (C-533/13, EU:C:2014:2392, punti 30 *et seq*).

37 — Fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet, ara wkoll il-punti 49 u 55 ta' dawn il-konklużjonijiet.

38 — Il-Gvern Ċek ma ħax pożizzjoni dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "attività ekonomika" fis-sens tad-Direttiva 2008/104.

45. Skont l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, din tal-aħħar tirrigwarda entitajiet "li huma aġenziji ta' xogħol temporanju". L-Artikolu 3(1)(b) jagħti, fil-fehma tiegħi, definizzjoni *awtonoma* ta' xi tfisser "aġenzija ta' xogħol temporanju" fis-sens ta' dik id-direttiva[39], sabiex tiġi implementata l-armonizzazzjoni minima li din tipprevedi[40]. Għalhekk, minn dan jista' jiġi dedott li d-Direttiva 2008/104 tista' tapplika anki fir-rigward ta' persuna li timpjega li ma tissejjaħx hekk skont id-dritt intern tal-Istati Membri, bil-kundizzjoni li l-persuna kkonċernata tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha msemmijin f'dawk l-Artikoli 1 u 3[41]. Barra minn hekk, is-sinjifikat u l-portata ta' din l-espressjoni, fil-fehma tiegħi, ma humiex neċessarjament identiċi ma' dik li tidher ukoll fid-Direttiva 96/71/KE[42], għalkemm il-preambolu tad-Direttiva 2008/104[43] jistabbilixxi rabta bejn dawn iż-żewġ strumenti.

46. Fid-dawl tal-kliem stess tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104, huwa immaterjali li l-entità li topera bħala fornitriċi ta' ħaddiema temporanji permezz ta' aġenzija tkun f'dan il-każ assoċjazzjoni ta' karità u li s-somom rċevuti bħala korrispettiv għat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema ma jirrendulha eventwalment l-ebda profitt, kif qed tikkontendi r-Ruhrlandklinik[44]. L-uniku kriterju li huwa verament determinanti huwa jekk l-entità inkwistjoni, kemm jekk tappartjeni għas-settur pubbliku jew inkella għas-settur privat, teżerċitax attività ta' natura ekonomika[45].

47. Madankollu, id-definizzjoni ta' dan l-aħħar kunċett ma tirriżultax b'mod ċar mill-kliem tad-Direttiva 2008/104 u lanqas mix-xogħol preparatorju li jirrigwardaha[46]. Jiena tal-fehma li hija għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li identifikat l-elementi li jikkostitwixxu "attivitajiet ekonomiċi" f'oqsma oħrajn tad-dritt tal-Unjoni, kif jissuġġerixxu l-kunsill tal-impriża[47] u l-Kummissjoni[48].

39 — Nenfasizza li l-imsemmi punt (b) ma jagħmilx riferiment għad-dritt tal-Istati Membri ħlief b'mod marġinali u bil-kliem li ġej: "kwalunkwe persuna […] li, f'konformità mal-liġi nazzjonali, tikkonkludi kuntratti ta' impjieg jew relazzjonijiet ta' impjieg ma' ħaddiema temporanji […]". Barra minn hekk, il-paragrafu 2 tal-istess Artikolu 3 ma jirrestrinġix l-applikazzjoni tad-dritt nazzjonali fir-rigward tal-kunċett ta' "aġenzija ta' xogħol temporanju".

40 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 26 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

41 — Ara, fl-istess sens, ir-rapport tal-2011 (p. 10 u 17).

42 — Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 1996, dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431). Fuq dan is-suġġett, ara r-rapport tal-2011 (għall-inqas fil-verżjoni Franċiża tiegħu), li jenfasizza li l-espressjoni "entreprise de travail intérimaire" [aġenzija ta' xogħol temporanju] tinsab fil-verżjonijiet Franċiżi kemm fid-Direttiva 96/71 kif ukoll id-Direttiva 2008/104, iżda li l-"verżjonijiet tagħhom bil-lingwa Ingliża […] ma jużawx l-istess kliem (jiġifieri *temporary employment undertaking* jew *placement agency* fl-ewwel waħda, u *temporary-work agency* fit-tieni waħda)" (p. 17).

43 — Ara l-premessa 22 tad-Direttiva 2008/104.

44 — Ir-Ruhrlandklinik issostni, primarjament, li l-għan statutorju tal-assoċjazzjoni ta' infermieri huwa esklużivament li tpoġġi għad-dispożizzjoni ta' stabbilimenti ta' kura u saħħa infermieri kkwalifikati, skont il-prinċipji tas-Salib l-Aħmar (prinċipji ta' umanità, ta' imparzjalità, ta' newtralità, ta' indipendenza, ta' volontarjat, ta' unità u ta' universalità), mingħajr bl-ebda mod ma tfittex li tagħmel qligħ, u li kieku l-affarijiet jkunu differenti, hija ma tkunx irrikonoxxuta fid-dritt Ġermaniż bħala li hija korp ta' interess pubbliku.

45 — Fil-fatt, dak il-paragrafu 2 jgħid li d-Direttiva 2008/104 tapplika għall-"impriżi pubbliċi u privati" li jeżerċitaw "f'attivitajiet ekonomiċi" indipendenti miċ-ċirkustanza "kemm jekk qed jaħdmu għal qligħ kif ukoll jekk le".

46 — Riferiment għall-evoluzzjoni leġiżlattiva tal-kliem tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 jidher fir-rapport tal-2011(p. 7 *et seq*).

47 — Il-kunsill tal-impriża jsostni li "id-Direttiva [2008/104] hija bbażata […] fuq il-kunċett ġenerali Ewropew ta' impriża, tad-dritt Ewropew tal-akkordji (Artikolu 101 TFUE) [,] li jippresupponi wkoll attività ekonomika", filwaqt li jinvoka d-duttrina Ġermaniża [Rieble, V., u Vielmeier, S., "Umsetzungsdefizite der Leiharbeitsrichtlinie", *Europäische Zeitschrift für Arbeitsrecht*, 2011, volum 4, p. 474 *et seq* kif ukoll Mestwerdt, W., "Arbeit in persönlicher Abhängigkeit im Rahmen vereinsrechtlicher Strukturen", *Neue Zeitschrift für Arbeitsrecht*, 2014, p. 281 *et seq*].

48 — Il-Kummissjoni tirreferi b'mod partikolari, għas-sentenza tat-12 ta' Settembru 2000, Pavlov *et* (C-180/98 sa C-184/98, EU:C:2000:428, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata), mogħtija fuq is-suġġett tal-kompetizzjoni.

48. Infakkar li l-kunċett ta’ “attivitajiet ekonomiċi” fis-sens tad-dritt tal-Unjoni ġie żviluppat, b’korrelazzjoni mill-qrib mal-kunċett ta’ “impriża”, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar is-suq intern[49], partikolarment fir-rigward tal-Artikoli 49 u 56 TFUE li jirrigwardaw rispettivament il-libertà ta’ stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kif ukoll fil-kuntest tad-dritt tal-kompetizzjoni. Dawn il-kunċetti ġew ikkonċeputi t-tnejn b’mod mhux restrittiv mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi l-funzjoni tagħhom hija d-delimitazzjoni tal-kamp ta’ applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat[50].

49. Fil-fehma tiegħi, l-istess għandu japplika għal dak li jirrigwarda l-kunċett ta’ “attivitajiet ekonomiċi” fis-sens tad-Direttiva 2008/104 mhux biss għaliex il-preambolu tagħha jindika li hija “għandha tiġi implimentata f’konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat rigward il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-libertà ta’ stabbiliment”[51], iżda wkoll sabiex jitwettqu l-għanijiet kollha li għandha din id-direttiva[52] u tevita li jkun hemm kompetizzjoni inġusta[53].

50. Hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta’ *impriża* jkopri “*kwalunkwe entità involuta f’attività ekonomika*, irrispettivament mill-istatus legali tagħha u l-mod kif tiġi ffinanzjata” u “li kwalunkwe attività li tikkonsisti fi prodotti u servizzi offruti f’suq partikolari hija *attività ekonomika*[54]. Barra minn hekk, ġie ripetutament deċiż li “għandha titqies bħala attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 2 tat-Trattat [KE] servizz ta’ xogħol f’mpjieg jew provvista ta’ servizzi remunerati”, jiġifieri prestazzjoni li tiġġenera korrispettiv[55].

51. Fl-ewwel lok, minn dan jirriżulta li l-istatus ġuridiku tal-entità kkonċernata, f’dan il-każ assoċjazzjoni, ma jaffettwax il-possibbiltà li din tiġi deskritta bħala “impriża” fis-sens tad-dritt tal-Unjoni u ma jippreġudikax in-natura ekonomika eventwali tal-attività li hija teżerċita. It-test tal-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2008/104 huwa fl-istess spirtu, għaliex jinkludi fil-kunċett ta’ “aġenzija ta’ xogħol temporanju” fis-sens ta’ din id-direttiva[56], lil “kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika”, tkun xi tkun il-forma ġuridika tagħha[57], li teżerċita attività marbuta max-xogħol temporanju permezz ta’ aġenzija fil-kundizzjonijiet stabbiliti f’din id-dispożizzjoni.

52. Fit-tieni lok, il-kwalifika bħala impriża li teżerċita attività ekonomika li tidħol taħt ix-xogħol temporanju permezz ta’ aġenzija, fis-sens tad-Direttiva 2008/104, għandha fil-fehma tiegħi, tinżamm meta l-entità inkwistjoni tipproponi servizz li jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ħaddiema li magħhom hija biss għandha relazzjonijiet ta’ xogħol preċiżament sabiex tissekondahom ma’ impriżi

49 — Artikoli 26 *et seq* TFUE.

50 — Ara d-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, tas-7 ta’ Diċembru 2010, bl-isem “Gwida dwar l-applikazzjoni għas-servizzi ta’ interess ekonomiku ġenerali, u b’mod partikolari għas-servizzi soċjali ta’ interess ġenerali, tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat, l-‘akkwist pubbliku’ u s-‘suq intern’” [SEC(2010) 1545 finali, iktar ’il quddiem il-“gwida tal-2010”, punt 6.1], li tiċċita s-sentenza tal-11 ta’ April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punt 52).

51 — Kif tgħid il-premessa 22 tad-Direttiva 2008/104.

52 — Ara n-nota ta’ qiegħ il-paġna 30 ta’ dawn il-Konklużjonijiet.

53 — Ir-rapport tal-2011 (għall-inqas fil-verżjoni Franċiża tiegħu) fil-fatt isemmi dawk iż-żewġ kunsiderazzjonijiet sabiex jiġi ġġustifikat kunċett wiesa’ tal-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104 fir-rigward tal-impriżi utenti u jindika li l-imsieħba soċjali Ewropej qalu li huma favur dan l-approċċ (p. 10).

54 — L-enfasi hija tiegħi. Ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tal-1 ta’ Lulju 2008 MOTOE (C-49/07, EU:C:2008:376, punti 21 u 22); tat-22 ta’ Ottubru 2015, EasyPay u Finance Engineering (C-185/14, EU:C:2015:716, punt 37), kif ukoll tat-23 ta’ Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-179/14, EU:C:2016:108, punt 147 *et seq*).

55 — Ara, b’mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta’ April 2000, Deliège (C-51/96 u C-191/97, EU:C:2000:199, punt 53), kif ukoll tat-23 ta’ Frar 2016, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-179/14, EU:C:2016:108, punt 154).

56 — Nosserva li jeżistu varjazzjonijiet sinjifikattivi fit-terminoloġija bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva 2008/104, fir-rigward tal-espressjonijiet użati mhux biss fil-kliem tat-titolu ġenerali iżda wkoll fil-kunċett ta’ “aġenzija ta’ xogħol temporanju” (ipparaguna l-formoli rispettivi li jidhru, bħala eżempju, fil-verżjoni Ġermaniża: “über Leiharbeit”, “Leiharbeitsunternehmen”; il-verżjoni Daniża: “om vikararbejde”, “vikararbejde”; il-verżjoni Ingliża: “on temporary agency work”, “temporary-work agency”; il-verżjoni Taljana: “relativa al lavoro tramite agenzia interinale”, “agenzia interinale”; il-verżjoni Olandiża “betreffende uitzendarbeid”, “uitzendbureau”; u l-verżjoni Portugiża: “relativa ao trabalho temporário”, “empresa de trabalho temporário”).

57 — Ir-rapport tal-2011 jgħid li, fil-kuntest tax-xogħol preparatorju tad-Direttiva 2008/104, il-Kummissjoni indikat li “organizzazzjonijiet tal-karità, forzi armati, sindakati u amministrazzjonijiet pubbliċi huma esklużi [mill-kamp ta’ applikazzjoni tagħha biss] jekk ma jkunux involuti f’attivitajiet ekonomiċi, anki jekk b’mod anċillari” (p. 9).

terzi[58]. Issa, dan huwa l-każ tal-assoċjazzjoni ta' infermieri. L-għan soċjali allegat tal-operatur inkwistjoni ma huwiex biżżejjed fih innifsu biex jeskludi li l-attività tiegħu tiġi deskritta bħala attività ekonomika[59]. Barra minn hekk, l-attività kkonċernata hija eżerċitata f'suq partikolari, fil-każ ineżami fis-suq tas-servizzi tas-saħħa, fejn operaturi oħrajn huma attivi bl-istess mod, jiġifieri aġenziji ta' xogħol temporanju tat-tip klassiku, li wkoll jipproponu t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' persunal għall-kura.

53. Bħall-Kummissjoni, jiena tal-fehma li huwa immaterjali, fir-rigward tad-Direttiva 2008/104, li l-attivitajiet tal-entità inkwistjoni ma humiex limitati għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-ħaddiem ma' terzi persuni[60], filwaqt li jitfakkar li fil-każ ineżami l-membri tal-assoċjazzjoni ta' infermieri taħt ir-regoli tagħhom jistgħu jaħdmu anki direttament għall-assoċjazzjoni. Fil-fatt, nemmen li l-ebda prova tanġibbli, la fl-Artikolu 1 u lanqas fl-Artikolu 3(1)(b) ma tippermetti li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva għall-impriżi li għandhom bħala attività esklużiva li jqiegħdu persunal għad-dispożizzjoni tal-impriżi utenti[61].

54. Fit-tielet lok, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u skont l-Artikolu 57 TFUE, kull provvista ta' servizz mogħtija wara korrispettiv għandha tiġi kkunsidrata bħala attività ekonomika[62], bil-preċiżazzjoni li huwa meħtieġ, iżda suffiċjenti, li jkun hemm korrispettiv[63]. Il-fatt li l-attività inkwistjoni ma tkunx, eventwalment, daqstant ta' profitt bħal servizzi paragunabbli pprovduti minn operaturi oħrajn ma jipprevjenix li jkollha natura ekonomika[64]. Fil-każ ineżami, l-assoċjazzjoni tal-infermieri tqiegħed persunal għad-dispożizzjoni ta' terzi persuni effettivament għall-ħlas ta' korrispettiv ekonomiku minn dawn tal-aħħar, jiġifieri kumpens li jkopri l-ispejjeż tal-persunal u l-ispejjeż amministrattivi li jkun hemm minħabba l-operazzjoni, filwaqt li jitfakkar li ma huwiex rilevanti li dan il-korrispettiv ma jġibilhiex profitti.

55. Fl-aħħar nett, insostni li, kuntrarjament għall-oġġezzjonijiet tar-Ruhrlandklinik[65], jidhirli li huwa xieraq, b'mod partikolari biex tiġi ggarantita kompletament l-effettività tad-Direttiva 2008/104, li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha entitajiet bħal dik inkwistjoni bl-istess mod bħall-aġenziji ta' xogħol temporanju ta' natura kummerċjali għaliex, fin-nuqqas, tal-ewwel ikunu suġġetti għal restrizzjonijiet ġuridiċi inqas b'saħħithom milli tat-tieni meta huma jipproponu servizzi simili fl-istess suq u dan jista' joħloq distorsjonijiet fil-kompetizzjoni. Dan l-aħħar tħassib, li jidher ukoll fid-deċiżjoni tar-rinviju u fl-osservazzjonijiet tal-Gvern Ċek, ikun ferm inqas negliġibbli meta, bħal f'dan il-każ, ikun ikkonċernat numru potenzjalment kbir ta' ħaddiema[66].

58 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Frar 2011, Vicoplus *et* (C-307/09 sa C-309/09, EU:C:2011:64, punt 27). Ir-rapport tal-2011 jindika, madankollu, li dik id-deskrizzjoni ma tkoprix it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ħaddiema fi ħdan l-istess grupp ta' impriżi (p. 17).

59 — Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2003, Freskot (C-355/00, EU:C:2003:298, punt 77). Il-gwida tal-2010 ssemmi ċerti każijiet fejn l-attivitajiet ġew ikkunsidrati mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala mhux ekonomiċi għar-raġuni tan-"natura purament soċjali" tagħhom (punt 3.1.4).

60 — Natura hekk esklużiva tal-attività ta' self ta' ħaddiema ma hijiex rikjesta fid-dritt Ġermaniż (ara Rémy, P., "L'impact de la directive 2008/104 relative au travail intérimaire sur les droits nationaux, Deuxième partie", *Revue de droit du travail*, 2010, p. 55 *et seq*, nota ta' qiegħ il-paġna 6), u lanqas fid-dritt Daniż (ara Abrahamson, A. M., *Vikarloven med kommentarer*, Karnov Group, Kopenħagen, 2014, p. 55), filwaqt li hemm dik il-ħtieġa, pereżempju, fid-dritt Franċiż (ara l-Artikolu L 1251-2 tal-Kodiċi tax-Xogħol).

61 — Fl-espożizzjoni tar-raġunijiet tal-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar ix-xogħol temporanju tat-30 ta' April 1982 [COM (82) 155 finali, p. 7], il-Kummissjoni ssostni li din "ma teħtieġx li l-[aġenzija ta' xogħol temporanju] taħdem esklużivament fix-xogħol temporanju".

62 — Ara, ukoll, il-gwida tal-2010 (punt 6.2); ir-rapport tal-2011 (p. 9, nota ta' qiegħ il-paġna 13), kif ukoll ir-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2008/104, tal-21 ta' Marzu 2014 [COM (2014) 176 finali, p. 4, nota ta' qiegħ il-paġna 4].

63 — Għaldaqstant, ma jikkostitwixxux attivitajiet ekonomiċi s-servizzi li jiġu pprovduti mingħajr ebda korrispettiv, pereżempju mill-Istat skont id-dmirijiet tiegħu fil-qasam soċjali (ara l-eżempji mogħtija fil-gwida tal-2010, punti 3.1.4 u 6.3, fejn hija ċċitata, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Diċembru 1993, Wirth, C-109/92, EU:C:1993:916, punt 13 sa 19). Min-naħa l-oħra, huwa ta' ftit importanza l-fatt li l-korrispettiv ma jitħallasx mill-benefiċjarju tas-servizz (ara s-sentenza tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms, C-157/99, EU:C:2001:404, punti 48 u 55 sa 58).

64 — Ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2001, Ambulanz Glöckner (C-475/99, EU:C:2001:577, punt 21).

65 — Ir-Ruhrlandklinik issostni li kieku d-Direttiva 2008/104 kellha tapplika għall-assoċjazzjonijiet ta' infermieri tas-Salib l-Aħmar Ġermaniż, dan ikollu bħala konsegwenza li l-membri tagħhom ma jkunux jistgħu jitqiegħdu konkretament għad-dispożizzjoni ta' stabbilimenti tas-saħħa, billi d-dritt Ġermaniż jawtorizza tqegħid għad-dispożizzjoni temporanju filwaqt li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawk il-membri jiġu ssekondati hemmhekk fit-tul (ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 8 ta' dawn il-konklużjonijiet).

66 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-Konklużjonijiet.

56. Għaldaqstant, jiena tal-fehma li provvista ta' servizz bħal dik fil-kawża prinċipali effettivament tirrigwarda d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2008/104 billi l-assoċjazzjoni kkonċernata tipprovdi servizzi li huma ekwivalenti għal dawk ta' aġenzija ta' xogħol temporanju meta tqiegħed ħaddiema għad-dispożizzjoni ta' terzi fis-suq tal-persunal tas-saħħa, għal liema servizzi hija tirċievi kumpens finanzjarju bħala korrispettiv.

## V – **Konklużjoni**

57. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domanda preliminari magħmula mill-Bundesarbeitsgericht (qorti federali tax-xogħol, il-Ġermanja) kif ġej:

L-Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2008/104/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-19 ta' Novembru 2008, dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija, għandu jiġi interpretat fis-sens li dawk id-dispożizzjonijiet japplikaw meta assoċjazzjoni mingħajr skopijiet ta' profitt tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża, b'korrispettiv ta' kumpens finanzjarju, wieħed mill-membri tagħha sabiex dan jipprovdi, taħt il-kontroll u d-direzzjoni ta' dik l-impriża, servizz ta' xogħol għal remunerazzjoni mħallsa mill-assoċjazzjoni.